MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1964/1998/1

**Chrissa Minaidou; u b'nota tad-29 t'Ottubru 1999 l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon assuma l-atti tal-kawża stante li Chrissa Minaidou tinsab assenti minn Malta**

***Versus***

**Etienne Azzopardi**

Din il-kawża hija dwar inċident tat-triq li fih korriet l-attriċi. Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fit-22 t'Ottubru 1996 il-konvenut, waqt li kien qiegħed isuq il-vettura V-0052 fi Triq M.A. Vassalli, tal-Qroqq, l-Imsida, tajjar u weġġa' lill-attriċi u lil seħbitha Helena Tabakova. L-attriċi ġarrbet ġrieħi gravi li jwasslu għal inkapaċità permanenti, u sofriet danni u sejra ssofri danni fil-ġejjieni minħabba *lucrum cessans*. Billi qiegħda tgħid illi l-konvenut waħdu jaħti għall-inċident, iżda għalxejn sejħitlu biex jagħmel tajjeb għad-danni, l-attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti, wara li tgħid illi l-ħtija hija tal-konvenut waħdu, u tillikwida d-danni li

ġarrbet l-attriċi, tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-23 ta' Mejju 1997 u ta' l-ittra uffiċjali ippreżentata flimkien maċ-ċitazzjoni kontra l-assikuratur tal-konvenut.

Il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni illi kienet l-attriċi li taħti għall-inċident.

L-inċident seħħ hekk:

L-attriċi, li kienet studenta l-Università, riedet taqsam flimkien ma' ħabiba tagħha lejn in-naħa l-oħra tat-Triq Reġjonali biex tirkeb karrozza tal-linja. Billi dak iż-żmien id-daħla tas-soltu ta' l-Università kienet magħluqa minħabba xogħlijiet, biex toħroġ l-attriċi u l-ħabiba tagħha kellhom jaqsmu l-masġar li qiegħed ġewwa l-*grounds* ta' l-Università u jgħaddu minn fejn kien hemm fetħa fil-*fencing* li jaqsam il-*masġar* mit-Triq Reġjonali, ftit 'il fuq minn fejn illum tiżbokka t-*tunnel* sejra lejn San Ġiljan. It-*tunnel* kienet għadha kemm infetħet għat-traffiku jumejn qabel.

Meta raw li ma kienx ġej traffiku l-attriċi u l-ħabiba tagħha fuq il-lemin tagħha bdew jaqsmu, dejjem iħarsu lejn il-lemin tagħhom biex jaraw kinux ġejjin karrozzi mit-*tunnel*. Kienu kważi laħqu s-*centre strip* meta l-ħabiba ta' l-attriċi għajtet li ġejja karrozza u, dak il-ħin, l-attriċi ntlaqtet minn karrozza, misjuqa mill-konvenut, li kienet ġiet minn taħt it-*tunnel* fuq il-lemin tagħha. Il-ħabiba ta' l-attriċi ntlaqtet ukoll.

Li ġara hu illi l-konvenut tant kien qiegħed iġerri illi, għalkemm ma kienx għadu jidher meta l-attriċi u l-ħabiba tagħha bdew jaqsmu t-triq, laħaq wasal fuqhom qabel ma laħqu qasmu għal kollox. Għalkemm hemm tul mhux ħażin, il-fatt illi l-konvenut qasam it-tul kollu f'farka ta' sekonda jixhed il-veloċità qawwija li kien ġħaddej biha, kif ikompli jixhed il-fatt li ħalla *brake marks* ta' erbgħa u ħamsin metru (54m).

Il-qorti bla esitazzjoni ta' xejn tgħid illi l-ħtija kollha kienet tal-konvenut, minħabba sewqan bla għaqal u bla rażan. Ikomplu jaggravaw il-ħtija tal-konvenut il-fatt illi l-konfigurazzjoni tat-triq ma kienx familjari magħha, għax kienet għadha kif infetħet jumejn qabel, u l-fatt illi kien hemm ħotba fit-triq li wkoll ma kinitx imdawla sew: ċirkostanzi li jnaqqsu l-viżibilità u li għalhekk jeħtieġu attenzjoni aktar f'min ikun qiegħed isuq. Sewwiq bil-

għaqal f'dawk iċ-ċirkostanzi ma kienx iġerri n-nofs ta' kemm kien qiegħed iġerri l-konvenut!

Il-konvenut fittex li jitfa' parti mill-ħtija fuq l-attriċi u l-ħabiba tagħha għax qal illi qasmu minn post imdallam u fejn ma kellhomx ikunu.

L-attriċi u l-ħabiba tagħha iżda qasmu minn post fejn kellhom kull jedd li jkunu — fil-fatt fejn seħħ l-inċident hemm sinjal uffiċjali li juri li minfejn ħarġu hemm "*pedestrian access to university*"[1] — wara li ħadu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa, raw illi għat-tul kollu li setgħu jaraw it-triq kienet ħielsa mit-traffiku, u qasmu b'ħeffa. Ukoll jekk titfaċċja karrozza wara li jkunu bdew jaqsmu, jekk dik il-karrozza tkun għaddejja b'veloċità li biha jsuq sewwiq bil-għaqal kienu jilħqu jaqsmu qabel ma dik il-karrozza tasal fuqhom. Fil-każ tallum, il-konvenut laqathom għax kien qiegħed iġerri wisq.

Il-veloċità bla rażan tal-konvenut kienet il-fattur waħdieni li wassal għall-inċident.

Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni, u nibdew billi nqisu t-telf ta' qligħ fil-ġejjieni (*lucrum cessans*),

L-attriċi kellha ħamsa u għoxrin (25) sena meta korriet, u għalhekk fiċ-ċirkostanzi jkun xieraq *multiplier* ta' tletin (30) sena.

L-esperti mediċi maħtura mill-qorti sabu illi l-attriċi tbati b'debilità permanenti ta' sittax fil-mija (16%), b'dan illi jekk titneħħa l-virga li tqegħditilha mal-għadam ta' sieqha minħabba ksur, id-debilità tonqos għal tlittax fil-mija (13%). L-attriċi xehdet illi ngħatat parir li ma tneħħix din il-virga għax, billi l-għadma ma għaqditx sew, għandu mnejn illi terġa' tinkiser. Fil-fehma tal-qorti għandha tiġi rispettata l-għażla ta' l-attriċi ladarba ma hijiex waħda kapriċċuża maħsuba biss biex iżżid id-danni, u għalhekk sejra taħdem fuq ċifra ta' sittax fil-mija (16%).

L-attriċi illum hija gradwata bħala għalliema, u bdiet taqla' tnejn u għoxrin elf, sitt mija u tmienja u disgħin sterlina (£22,698) fis-sena. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk tidher xierqa u forsi wkoll konservattiva l-proposta li għamlet fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha illi l-kumpens jinħadem fuq qligħ medju ta' erbatax-il elf, ħames mija u ħamsin lira (Lm14,550) fis-sena.

---

[1] *Foll.* 217 *et seqq.*

*Lucrum cessans* għal tletin (30) sena b'debilità ta' sittax fil-mija (16%) jiġi disgħa u sittin elf, tmien mija u erbgħin lira (Lm69,840)[2].

Billi l-inċident ilu li seħħ disa' (9) snin, ma huwiex il-każ illi jsir tnaqqis talli l-attriċi sejra ddaħħal issa dħul illi kienet tieħu fil-ġejjieni, b'dan iżda illi l-imgħax fuq il-*lucrum cessans* jibda jgħaddi millum.

Bħala *damnum emergens* l-attriċi qiegħda titlob għaxart elef, disa' mija u disa' liri u ħamsin ċenteżmu (Lm10,909.50). Dawn ma ġewx kontestati mill-konvenut u jirriżultaw minn dokumenti jew mix-xhieda maħlufa ta' l-attriċi, u l-qorti għalhekk tillikwida d-*damnum emergens* fis-somma ta' għaxart elef, disa' mija u disa' liri u ħamsin ċenteżmu (Lm10,909.50).

Id-danni b'kollox għalhekk jiġu tmenin elf, seba' mija u disgħa u erbgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm80,749.50).

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut u tgħid illi l-konvenut waħdu jaħti għall-inċident, tillikwida d-danni li ġarrbet l-attriċi fis-somma ta' tmenin elf, seba' mija u disgħa u erbgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm80,749.50), u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi d-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-ispejjeż tal-kawża u l-imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni, b'dan illi l-imgħax fuq il-*lucrum cessans* jibda jgħaddi millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Lm14,550 × 30 × 16% = Lm69,840